Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

Data tal-laqgħa: 5 ta` Mejju, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta` Laqgħa Numru 33

34.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tlieta u tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.1.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` talab li titneħħa l-kelma ''(annessa)'' minn punt 23.6.7.2. Talab ukoll li l-*email* imsemmija ma tiġix annessa mal-Minuti peress li din kienet indirizzata għall-Kunsilliera u mhux għall-pubbliku. Il-Kunsill approva li l-minuti jiġu emendati kif mitlub mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`.

34.1.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti oħra. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 34.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

34.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill bir-risposta li bagħat il-kollettur tal-ġbir ta` skart fuq il-proposta li kien għamel il-Kunsill, li l-ġbir tal-boroż jibda fid-9.00am minnflok fit-8.00am. It-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa għar-raġunijiet loġistikali tal-kumpanija.

34.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li din tkun waħda mill-kundizzjonijiet għal meta niġu biex noħorġu kuntratt ġdid.

**F`dan il-ħin (4.15pm) daħal il-Viċi Sindku Andre` Grech għall-Laqgħa.**

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri beda billi appella lill-Kunsilliera kollha biex bħala Kunsill nibqgħu barra mill-kampanja tal-Elezzjoni Ġenerali.

34.3.2.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk hemmx xi punti li jixtiequ jiġu mressqa waqt il-Laqgħa Annwali Ġenerali tar-Reġjun Ċentru li se ssir għada s-Sibt, 6 ta` Mejju 2017.

34.3.2.2 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma l-problema tan-nuqqas ta` gwardjani lokali, filwaqt lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` semma li titressaq talba dwar il-possibilta` li jiġu allokati aktar flus lill-Kunsill.

34.3.3.1 Is-Sindku ppropona li l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* li ppjanata li ssir nhar il-Ġimgħa 2 ta` Ġunju 2017 tiġi posposta peress li nzertat ġiet lejliet l-Elezzjoni Ġenerali.

34.3.3.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li din l-attivita` ssir f`Settembru 2017, bid-data tentattiva ta` nhar il-Ġimgħa 15 ta` Settembru 2017. Il-Kunsill unanimament qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni ta` dan it-tibdil.

34.3.4 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li Jum Ħal Balzan jiġi pospost ukoll. Bi qbil unanimu ntażlet il-ġurnata tal-Ħadd 25 ta` Ġunju 2017 fejn apparti t-tlugħ tal-bandiera u ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, fl-istess ġurnata ser jingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan ukoll. Iċ-ċelebrazzjoni tibda fid-9.00am.

34.3.5.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-fond Nru 7/9, Triq Dun Spir Sammut bħala l-uffiċċju amministrattiv ġdid tal-Kunsill.

34.3.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva li l-uffiċċju

amministrattiv jinżamm magħluq għal jumejn (2) sakemm isir il-ġarr.

34.3.6 Fuq proposta tas-Sindku, li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea, il-Kunsill unanimament approva li li nhar it-Tnejn 5 ta` Ġunju 2017, l-uffiċċju amministrattiv jinżamm magħluq.

34.3.7 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-ixkaffar li jammonta għas-somma ta` €732.72 ġie nstallat. L-iskrivaniji u siġġijiet li jammontaw għas-somma ta` €1,160.00 se jaslu l-ġimgħa d-dieħla.

34.3.8 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand Corporate Computing li tammonta għal €873.74 għall-installazzjoni u testing ta` *network cabelling* għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

34.3.9 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand ASV Computers Ltd li tammonta għal €616.24 għal xiri ta` cables (CAT 6) għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

34.3.10 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ntlaħaq ftehim ma` sid il-garaxx f`17 Triq it-Tliet Knejjes biex l-imsemmi garaxx jinkera lill-Kunsill biex jintuża bħala *store* minn Mejju sa Novembru 2017 għall-ammont ta` €1,050.

34.3.11 Is-Sindku infurma lill-Kunsill b`*email* li rċievejna mill-Planning Authority fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li l-bilanċ tal-UIF jammonta għal €38,152.19. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iġġib aktar informazzjoni dwar kif jistgħu jintużaw dawn il-fondi.

34.3.12 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qed jirċievi ilment dwar il-problema ta` *parking* li qed isibu fi Triq iz-Zekkuk. Residenti qed jitolbu l-Kunsill biex terġgħa ssir applikazzjoni ma` Transport Malta biex jinkiseb il-permess biex karozzi jipparkjaw fuq parti mil-bankina fi Triq iz-Zekkuk.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

34.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li qed ikun hemm ilmenti peress li l-vannijiet tal-Hospice qed jipparkjaw fil-kaxxi bojod meta għandhom ir-*Reserved parking bay* qed tkun dejjem vojta. Residenti qed ikollhom problema biex isibu post fejn jipparkjaw. Is-Sindku se jkellem lil tal-Hospice dwar dan.

34.4.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li l-uffiċċju KSI fi Triq l-Imdina k/m Vjal Sir Michaelangelo Refalo qed joħorġu l-boroż tal-iskart minn filgħaxija. Ser jitqassam l-avviż bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart.

34.4.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jitlob li jiżdiedlu l-budget allokat għall-Ħarġiet għall-Anzjani. Ġie deċiż li din it-talba tiġi diskussa aktar il`quddiem.

34.4.4 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li qed jitolbu li ssir *barrier* fit-tarf tal-bankina fi Triq Birbal k/m Triq San Franġisk biex karozzi ma jitilgħux fuq il-bankina. Din it-talba ma ġietx approvata għax jekk issir il-*barrier* jiġi ostakolat l-aċċess għal *wheelchairs/pushchairs.*

34.4.5.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li avviċinah id-Direttur tal-kumpanija Nextbike Malta fejn infurmah li qed jiġi nstallati *stations* bir-roti f`diversi lokalitajiet. Dawn ir-roti jkunu jistgħu jinkrew biex persuni jmorru minn *station* għall-oħra. Dawn l-istations jiswew €2,500 kull waħda. Id-Direttur staqsa jekk il-Kunsill hux interessta li jkollu *station* fil-lokalita`.

34.4.5.2 Il-Kunsill qabel li din it-talba tiġi diskussa aktar il`quddiem.

## 34.5 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għas-sena 2016 kif emendat wara li sar l-*Audit* (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.5.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament u disa` (9) kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 34.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

34.6.1 *Tender for Works for Maintenance of Traffic Signs and Road Markings in the locality of Ħal Balzan* – BLC 01/2017
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for Works for Maintenance of Traffic Signs and Road Markings in the locality of Ħal Balzan* – BLC 01/2017. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.6.2 Ir-rapport u l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv se tibda l-proċess biex terġa` toħroġ is-sejħa mill-ġdid peress liż-żewġ (2) offerti mitfugħa ma kienux konformi fil-parti Finanzjarja.

34.6.3 *Tender for the Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas using Environmentally Friendly products and practices* – BLC 02/2017
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for the Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas using Environmentally Friendly products and practices* – BLC 02/2017. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.6.4 Ir-rapport u l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil dawk kollha interessati bir-riżultat fejn qed jiġi rrakomandat li l-offerta tingħata lill-kumpanija Environmental Landscapes Consortium Ltd.

## 34.7 Tender għas-servizz ta` *Street Sweeping*

34.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-deċiżjoni mill-PCRB dwar l-appell, kienet li l-offerta għandha tiġi kkanċellata u tiġi sostitwita b`waħda ġdida.

34.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li mmedjatament bdiet il-proċess biex toħroġ offerta ġdida fejn is-sottomissjonijiet se jagħlqu fil-25 ta` Mejju 2017.

34.7.3 Ġie deċiż lill-Bord tal-Evalwazzjoni jibqa` kif kien qabel, jiġifieri:
Is-Sindku Ian Spiteri u l-Kunsilliera Joe Galea u Desmond Zammit Marmara` se jerġa` jkollhom ir-rwol ta` *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jerġa` jkollu r-rwol ta` *Chairperson* tal-bord ta' l-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

## 34.8 Ġieħ Ħal Balzan

34.8.1.1 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali
Il-Kunsillier Daniel Muscat ippropona lis-Sur Anthony Grech li ta` kull sena għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin (21) sena, b`dedikazzjoni jżejjen it-toroq tal-akwati ta` Triq l-Għerusija fi żmien il-Milied. Il-Kunsillier Joe Galea issekonda. Il-Kunsill approva unanimament.

34.8.1.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jinnomina lis-Sur Joe Pulis fil-kategorija Lokali, li ilu jaħdem fil-Kumitat Lokali Laburista ta` Ħal Balzan mis-snin Sebgħin (70) u huwa rispettat minn kullħadd għall-ħidma tiegħu u l-interess li jieħu fil-ġid tar-raħal u r-residenti tiegħu. Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri issekonda din in-nomina. Il-Kunsill unanimament approva.

34.8.2 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali

Il-Kunsillier Daniel Muscat ippropona lis-Sa Taryn Mamo Cefai għaliex bit-talent tagħha fil-parti prinċipali fis-serje Strada Stretta ħalliet impatt fuq livell Nazzjonali mat-telespettaturi Maltin, u b`hekk tagħmel ġieħ lir-raħal bħala personalita` Balzanija. Il-Viċi Sindku Andre` Grech issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

34.8.3 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri qed jinnomina lil Dr Trevor De Giorgio li apparti l-ħidma tiegħu fi ħdan ir-raħal bħala Kunsillier, ta servizz indispensabbli mhux biss fuq bażi lokali imma anke Internazzjonali. Il-Kunsillier Joe Galea issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

## 34.9 Inviti għall-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv ġdid

34.9.1 Din l-attivita` ser tiġi posposta minħabba l-fatt li d-data proposta tat-2 ta` Ġunju 2017 inzertat lejliet l-Elezzjoni Ġenerali.

34.9.2 Din il-kwistjoni ser tiġi diskussa aktar il`quddiem fejn tiġi deċiża data ġdida għall-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv ġdid.

## 34.10 Kunsill Lokali Żgħażagħ

34.10.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat kellem lis-Sa Isabelle Mallia rappreżenta li tieħu ħsieb il-Kunsill Lokali Żgħażagħ, fejn spjegatlu li kull sena jinfetħu l-applikazzjonijiet fejn dan il-Kunsill jippreżenta proġġett bil-possibilta` li jingħata fondi mill-Gvern. Il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ikun magħmul bejn ħamsa (5) u sebgħa (7) membri, li jkunu qed jaħdmu fuq il-proġett propost minnhom.

34.10.2 Ġie deċiż li tiġi nfurmata s-Sa Mallia biex tkun preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex tindirizza xi mistoqsijiet li jista` jkollhom il-Kunsilliera u tispjega aħjar kif jaħdem dan il-Kunsill. Deċiżjoni dwar dan tittieħed dakinhar.

## 34.11 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

34.11.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ħarġet is-sejħa għall-offerti għas-Servizz ta` *Cash-In-Transit*.

34.11.1.2 Ġie deċiż li l-iskrivana Mariella Casha u l-Viċi Sindku Andre` Grech se joqgħodu *Opening Staff*.

34.11.1.3 Il-Bord tal-evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:

Is-Sindku Ian Spiteri u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea se jkollhom ir-rwol ta` *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jkollu r-rwol ta` *Chairperson* tal-bord tal-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

34.11.2.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-ewwel sejħa għal attivitajiet li se jsiru bejn Lulju u Diċembru 2017. It-Tieni sejħa għal attivitajiet li se jsiru bejn 2018 u 2020.

34.11.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv se tiċċekkja mad-Dipartiment dwar it-tieni sejħa peress li fit-2019 jinbidel il-Kunsill. Din iċ-Ċirkulari tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

34.11.3 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 10/2017 – L-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

34.11.4 Ġiet innutata ittra mill-Kumitat Organizzattiv fi ħdan il-Commonwealth Local Government Conference fejn fl-24 ta` Novembru 2017 se jkunu qed jorganizzaw *study visits.* L-għan ta` dawn l-i *study visits*

huwa li l-Kunsilli Lokali juru kif għamlu użu tajjeb minn fondi mgħotija mill-Unjoni Ewropea sabiex joħorġu bi proġetti sostenibbli li ħallew effet pożittiv ġewwa l-lokalita` tagħhom. Applikazzjonijiet se jintlaqgħu sal-31 ta` Mejju 2017, fejn se jintgħażlu ħames (5) Kunsilli Lokali.

34.11.5 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jiġi kkomunikat li mit-2 ta` Mejju 2017, kull Kunsill Lokali se jibda jieħu 10% tal-ammont ta` kull ċitazzjoni maħruġa minn Transport Malta li titħallas fil-Kunsill rispettiv.

34.11.6 Ġiet innutata *email "Light Up The Night" - Myalgic Encephalomyelitis (ME) and Fibromyalgia (FM)* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie deċiż li għal din is-sena l-Kunsill ma jieħux sehem.

34.11.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li se tordna l-uniformi lill-iskrivan il-ġdid.

34.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill lis-Sur Mark Mallia, l-ex-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat mill-Ministru biex ikun maħtur bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta` Ħal Balzan.

**F`dan il-ħin (5.50pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.00pm.**

34.11.9 Preżenti f`din il-parti tal-laqgħa kien hemm żewġ persuni li missierhom joqgħod fil-biċċa triq privata li hemm mal-ġenb tal-għalqa f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina. Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri spjegalhom fid-dettall il-proġett ta` parkeġġ li l-Kunsill qed jipproponi li jagħmel fl-għalqa ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina jekk l-art tiġi devoluta lill-Kunsill. Aktar il`quddiem il-Kunsill se jħejji d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex jibda l-proċess biex issir it-talba għad-devoluzzjoni ta` din l-art. Iż-żewġ persuni preżenti qablu ma` kif qed jiġi propost il-proġett.

## 34.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

34.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 5/17 li ġġib id-data tal-5 ta` Mejju 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €78,145.57.

34.12.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 34.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

34.13.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 29 ta` Mejju 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 29 ta` Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |